**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Claire L Stafrace Zammit B.A. LL.D.**

**Il-Pulizija**
**[Spettur Kevin Pulis]**

**vs**

**Carmel Sacco**

**Kumpilazzjoni Numru: 905/15**

**Illum, 8 ta' Marzu, 2016**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Carmel Sacco detentur tal-karta tal-identita` numru 245965M.

Akkuzat talli nhar it-18 ta' Mejju 2015, ghall-habta ta' 09:15 hrs gewwa Triq is-Sejba, Mqabba:

1) Ghamel offiza fuq il-persuna ta' Reuben Farrugia u kkagunalu feriti ta' natura gravi skont kif iccertifikatu Dr Maria Callus MD Reg No 3313 mid-Dipartiment tas-Sahha ta' Hal-Qormi; u
2) Aktar talli rrenda ruhu recediv ai termini tal-Artikolu 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li nstab hati b'diversi sentenzi tal-Qrati ta' Malta liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat it-talba tal-prosekuzzjoni sabiex f'kaz ta' sejbien ta' htija tal-imputat, tapplika l-Artikolu 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u dan ghas-sigurta` ta' Rueben Farrugia; u

Rat id-dokumenti pprezentati; inkluz il-Kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza odjerna tigi trattata bi procedura sommarja.

Fuq nuqqas ta' provi, qieghda tillibera lill-imputat Carmel Sacco mill-akkuzi kollha kif dedotti kontrih.

**Dr Claire L Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**